**3 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Anthony Zahra**

**Bejgħ ta' Oġġetti bi Prezz Eċċessiv — Profitt — Importazzjoni — G.N. Nru. 539/1956 u 674/1956**

*Il-liġi rilevanti tiddefinixxi kif għandu jiġi kalkulat il-profitt li għalieh hu ntitolat l-importatur ta' merkanzija minn barra; u riedet tassigura li, żbarkat l-oġġett, kull spejjeż li l-importatur jinkorri sakemm l-istess oġġett jinbiegħ, ma jitqiesux fil-fissazzjoni tal-prezz li bih għandu jinbiegħ dak l-oġġett.*

*Dan ifisser illi l-profitt li għalieh hu ntitolat l-importatur huwa biss dak kalkulat bil-perċentwali ndikata mil-liġi fuq iddazju għall-oġġett żbarkat, u illi fil-kalkulazzjoni tal-prezz ma għandhomx jitqiesu spejjeż oħra nċidentali, bħal dawk għat-trasport, magazzinaġġ, jew imgħax.*

*Fil-każ li l-importatur jagħmel fl-oġġett importat xi alterazzjonijiet jew miljoramenti, allura, għalkemm ir-rata ta' profitt għandha tibqa' xorta kif stabbilita mil-liġi, huwa jkun intitolat jitħallas tagħhom, purkè fil-limiti li ma jkunux irregolari jew eżorbitanti; ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bħala miljoramenti fl-oġġetti importati, fil-każ ta' sodod, l-armar tal-istess sodod biex jinbigħu, u lanqas iddanni li l-importatur ikun talvolta sofra, għax ikun, per eżempju, biegħ xi oġġetti bit-telf minħabba li kienu bil-ħsara.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni magħmula lil Anthony Zahra (1) illi l-Belt Valletta, f'dawn l-aħħar xhur, offra għall-bejgħ u biegħ sodod tal-għuda £4. 15. 0d u £5 l-waħda, prezz ogħla minn dak fissat mil-liġi, u (2) li ta fattura lill-bejjiegħ bl-imnut fejn naqas jagħmel il-prezz li s-sodod kellhom jinbiegħu;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-29 ta' Awissu 1959, li biha dik il-Qorti ddikjarat preliminarment illi n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 539 tal-1956 għandha tiftiehem fis-sens li, għalkemm fil-lokuzzjoni "any other charges whatsoever" ma hemmx kompriżi u nvoluti d-danni fil-ħaġa li l-importatur jew bejjiegħ bl-ingrossa jista' jinkorri, il-leġislatur diġà inkludihom fil-kliem preċedenti "on the duty-paid cost of the article landed in Malta";

Rat is-sentenza tal-istess Qorti taż-17 ta' Settembru 1959, li biha l-imputat ġie misjub ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u fit-termini tar-regolamenti 13(1), 17(3) (a), 11(1), 17(3) (a) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 234/52, u l-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali, huwa ġie kundannat għal £10 multa għall-ewwel reat u £3 multa għat-tieni, bl-ordni li jirrifondi 18s. 4d. lil Joseph Camilleri, 18s. 4d. lil Anthony Calleja, u £7. 1. 8d lil Emmanuela Agius, fi żmien xahar, taħt penali ta' £2 għal kull ġurnata ta' ritard;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Anthony Zahra, li bih appella mid-deċiżjonijiet riferiti u talab li jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appellanti mporta żewġ partiti sodod tal-injam, skond l-"entry forms" tat-18 ta' Diċembru 1958 u tad-9 ta' Marzu 1959. L-uffiċjal inkarigat mill-"costings" stabbilixxa, fuq il-perċentwali legali ta' profitt, bħala l-ogħla prezz li s-sodod kellhom jinbiegħu, is-somma ta' £3. 5. 0d mill-"wholesaler" u £4. 17. 2d mir-"retailer" fuq l-ewwel "entry form", u £4. 5. 10d u £5. 11. 7d fuq it-tieni waħda. L-appellanti biegħ lir-"retailers" Joseph Camilleri u Anthony Calleja żewġ sodod bil-prezz ta' £4. 15. 0d il-waħda u lil Emmanuela Agius għaxar sodod bil-£5 il-waħda;

Inoltre, l-appellant naqas jindika fil-fattura l-prezz li s-sodod kellhom jinbiegħu mir-"retailer";

Fuq l-ewwel imputazzjoni l-appellant sostna li kellu d-dritt jinkludi bħala parti mill-"cost" l-ispejjeż li għamel

biex jimmonta s-sodod u l-ħsara li kien hemm fihom. Huwa xehed li mit-tletin sodda mportati fid-9 ta' Marzu 1959 tnejn waslu bl-istrixxi miksurin, waħda minnhom sewwiha, u oħra biegħha bi skont;

Skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 539 tal-1956, kif emendata bin-Notifikazzjoni numru 674 tal-istess sena, "the profit of the importer shall be calculated at the rate set forth against each article, on the duty-paid cost of the article landed in Malta, and no further addition shall be made for the purpose of ascertaining the cost, in respect of charges whatsoever, unless specifically authorised in writing by the Minister prior to the sale";

Il-liġi riedet tassigura li, żbarkat l-oġġett, kull spejjeż li l-imporatur jinkorri sakemm l-istess oġġett jinbiegħ ma jitqiesux għall-fissament tal-prezz;

Fil-każ li l-importatur jagħmel fl-oġġett importat xi alterazzjonijiet jew miljoramenti, allura, għalkemm ir-rata ta' profitt għandha tibqa' xorta kif stabbilita mil-liġi, huwa jkun intitolat jitħallas tagħhom, purkè fil-limiti li ma jkunux irregolari jew eżorbitanti. Hekk, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Beatrice Grech Cumbo" (15 ta' Settembru 1956), din il-Qorti rriteniet li l-imputata, importatriċi ta' kpiepel, kellha d-dritt titħallas għall-miljoramenti li kienet għamlet fihom bl-aġġunta ta' żagarella. F'każ simili, ma tkunx qegħdha tiġi sorpassata r-rata ta' profitt stabbilita mil-liġi, imma jkun qiegħed isir ħlas għall-miljoramenti magħmula mill-importatur fl-oġġett, li dan fl-ispeċi tiegħu ma kellux;

Ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bħala miljoramenti fl-oġġetti mportati mill-appellant, fl-ispeċi tagħhom bħala sodod, l-armar tal-istess sodod biex jinbiegħu, kif lanqas id-danni li l-appellant qal li sofra fil-merkanzija. L-appellant seta' f'dan ir-rigward jirrikorri lejn l-awtorità kompetenti;

Għalhekk, anki l-ewwel imputazzjoni tirriżulta, in kwantu l-prezz legali, anki kalkulat fuq il-bażi ta' £4. 5. 10d

s-sodda, kien jeċċedi l-limiti legali, u l-eċċess jissupera n-nofs lira;

In kwantu għall-piena, l-Ewwel Qorti diġà applikat favur l-appellanti l-artikolu 23A. tal-Kodiċi Kriminali fuq il-konsiderazzjoni illi, kieku l-appellanti assigura l-merkanzija, il-"premium" kien jista' jiġi kunsidrat fil-"cost";

Għalhekk;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati. Ix-xahar mogħti mill-Ewwel Qorti għar-restituzzjoni tal-eċċess jibda jgħodd mil-lum.